TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 68/15/F

**Maria Grace Gatt**

**vs**

**Malcolm Mallia eżerċenti l-kummerċ bħala Iż-Żiffa Soles & Heels**

Illum 21 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erbgħa u erbgħin ewro, u disgħa u sittin ċenteżmi (€44.69), rappreżentanti prezz ta' par *boots* suwed illi r-rikorrenti ħadet għat-tiswija u qatt ma ġew lura.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet par *boots* għat-tiswija għand l-intimat fejn meta marret lura għalihom beda juriha *boots* li ma kienx tagħha.

L-intimat issottometta illi l-*boots* li ġabet hi kien dak li kien qed juriha, u għalhekk m'għandu jagħtiha xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' tletin ewro (€30), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**